~~imdewwed bid-daqqiet tal-balal. Ma' dwarha kien għad hemm għadd ta' balal tal-kanuni, uħud minnhom mibnijin fuq xulxin.~~

~~(3). Fost dawn kien hemm wieħed Malti, pajżan, li t-Torok qatgħulu rasu. Dan kellu ħuh Ajk Franġiskan, Fra Ġiovanni Xerri spiżjar, minn Bormla. Patri Bernardinu Zammit li semmejna fuq kien ukoll maqtugħ għal mewt, u ħarġuh biex joqtluh kemm il-darba u jerġgħu jħalluh. Patri Bernardinu kien raġel li malajr jitlagħlu, u darba beda jgħajjat mal-fizzjali Torok u qalilhom: "Jekk għandkom toqtluni għax ma toqtlunix? Kemm sa ddumu ħerġin u deħlin bija?" Dan qaluli Patri Bernardin in-nifsu, li kellimtu kemm il-darba fl-Infirmerija ta' San Salvatur, Ġerusalem.~~

~~(4). Fuq il-għoljiet tar-raħal ta' Għajn Karem (li semmejnieh kemm il-darba f'dal-"Qari") fil-Għarb ta' Ġerusalem sar taqbid kbir ukoll. Fis-sena 1920 kien għad hemm fuq dawn l-iġbla ħafna maskri tal-gass, biċċiet tal-balal tal-kanuni, xi bajunetta miksura, u għadd kbir ta' skartoċċi tal-azzarini, godds godds, kien hemm ukoll xi oqbra tal-Ingliżi, imma li dak iż-żmien l-għadam tagħhom kienu ħaduh fiċ-Ċimiterju ta' Ġerusalem. Fuq għolja minnhom kienu għadhom qawwin sħaħ tliet saffi ta' trinċieri tat-Torok, jinfdu b'mogħdijiet dojoq ma' xulxin.~~

~~(5). Lifta tinsab fil-Għarb ta' Ġerusalem, fil-lemin tat-triq int u sejjer Għajn Karem, fuq xaqliba ta' wied.~~

~~(6). Minn dal-kliem u minn għidut ieħor jidher li min kiteb dan l-artiklu fil-"Palestine News" kien xi Lhudi. Jidher ukoll li ma kienx Ingliż għax il-lingwa Ngliża tiegħu ftit li xejn hi mirquma.~~

~~(7). Fejn iltaqa' Xiħ il-Beled u l-Ingliżi, fix-xellug tat-triq int u sejjer minn Għajn Karem lejn Ġerusalem, ftit wara l-ewwel djar, kien hemm wieqaf monument żgħir sa mis-sena 1920. Il-monument kien ġej fit-tul donnu mħejji biex ikollu fuqu xi raġel fuq iż-żiemel. Kien fih kitba bl-Ingliż li tfakkar il-ġrajja.~~

~~(8). L-istqarrija bil-Għarbi qraha wieħed Franġiskan, Patri Anton Halil-Hanna, li hu kien Għarbi wkoll. Dal Patri miet ilu xi erba' snin.~~

# IS-SALTNA TAS-SMEWWIET

Wisq drabi naqraw fil-Vanġelu fuq is-Saltna tas-Smewwiet, bla ma nifhmu sewwa t-tifsir ta' din is-Saltna. Hi ħaġa ta' siwi u ħtieġa li nagħrfu sewwa xi jrid jifhem biha l-Vanġelu din is-Saltna, li l-Imgħallem tas-sema ġebilna miegħu minn ħdan Missieru.

Meta Ġesù ħareġ ixandar tagħlimu fit-toroq u l-imsierah tal-Palestina, kemm hu kif ukoll l-ewwel ixirka tiegħu baxxru li s-Saltna tas-Smewwiet waslet (Matt. IV, 17 — Mark I, 15). X'fehmu biha din is-Saltna, Ġesù u l-ixirka tiegħu min-naħa l-waħda; u min-naħa l-oħra, kif fehmuha l-Lhud li semgħuh?

Is-semmiegħa Lhud fehmu li s-Saltna tas-Smewwiet kienet il-Messsijanizmu li kellu jidher fid-dinja, jiġifieri s-Saltna tal-Messija mistenni mill-profeti. Iżda l-Lhud infushom ma kienux jaqblu bejniethom fuq kif kellha tkun din is-Saltna. Wisq nies fosthom ħasbu li din kellha tkun xi saltna ta' din l-art, saltna ta' ġieh u sebħ, bħal ma kienet dik ta' Salamun. Stennew ukoll li s-sultan tagħha kien sejjer ikun bniedem ta' qawwa u setgħa liema bħalhom, li jkun qawwi biż-żejjed biex ikeċċi 'l barra mill-Palestina lill-għedewwa tal-ġens Lhudi, jiġifieri lir-Rumani. Aktarx li bħal dawn kienu jaħsbuha wkoll uħud mill-ixirka ta' Ġwanni l-Għammiedi.

Iżda kien hemm ukoll Lhud oħrajn li f'din is-Saltna tas-Smewwiet lemħu qawwa m'hux ta' din id-dinja; ġid m'hux li jgħaddi, imma l-ġid tar-ruħ, li jibqa' għal dejjem. Bħal dawn fehmuha Żakkarija, Xmuni, Anna

(Luqa, I, 67-79; II, 25-38) u Ġwanni l-Għammiedi, li xandar il-magħmudija tat-tewba.

Kristu u l-Appostli xandru s-Saltna tas-Smewwiet kif fehmuha l-Lhud li semmejna l-aħħar. Meta Ġesù qal li Saltnatu kienet Saltna tas-Smewwiet, ried jgħid li ma kienitx ta' din l-art. Hi Saltna Spiritwali (Ġwanni, XVIII, 36) li ma tidherx b'sebħ u agħwa (Luqa, XVII, 20); tkun is-Saltna tal-foqra f'qalbhom, ta' dawk li għandhom il-għatx u ġugħ tal-qdusija, li jħennu u jgħixu ħajja safja; ta' dawk li huma mkasbra u mgħajjrin, iżda li jagħmlu s-sliem fost għajrhom (Matt, V, 3-12). Il-kbarat ta' din is-Saltna jeħtieġ li jixbħu lit-tfal (Matt XVIII, 3) u jkunu qaddejja ta' kull ħadd (Mk. X, 43-44).

It-tixbiħat li bihom għallem Ġesù huma ta' siwi kbir biex jagħtuna t-tifsir tas-Saltna tas-Smewwiet. Hawn is-Saltna tfisser il-qawwa li għandu l-Imgħallem fuq il-qlub; Saltna miftuħa wkoll għal Pagani u għal midinbin. Hi mela Saltna ta' maħfra, li l-ġid tagħha huwa s-sliem u l-grazzja (Matt. XXI, 43; XXXII, 1-14; Luqa, XIV, 16-24; Mark, XXI, 28, 32).

Fil-"Missierna" Ġesù għallimna wkoll min huma u kif jingħarfu l-imdaħħlin fis-Saltna tas-Smewwiet. Huma n-nies sieqda, u jingħarfu minn egħmilhom; dawk biss li jagħmlu r-rieda tal-Missier li hu fis-Sema jissieħbu fis-Saltna. Huma jsawwru x-Xirka tal-Qaddisin, u jseħħu l-għan ta' dik is-Saltna: għaqda sħiħa, fejn is-seqdin fl-art u fis-Smawwiet għas-sebħ ta' Missier wieħed.

Wara li l-Imgħallem tala' fi ħdan Missieru fis-Sema, l-Appostli baqgħu jfissrulna, x'inhi s-Saltna tas-Smewwiet (jew t'A'la). San Ġwann iħobb isejħilha s-Saltna tas-Sewwa, għax tinfirex u tirbaħ m'hux bil-qawwa, imma bil-kelma tas-sewwa (I Ġwann, III, 18-19; V, 20, etc).

Kif kull saltna tagħti xi jeddijiet lill-imseħbin fiha, hekk is-Saltna tas-Smewwiet toffrilna ġid mill-akbar: "M'hux l-ikel u x-xorb, iżda l-ħaqq u s-sliem u l-hena f'Ruh il-Qodos". Imbagħad tagħtina l-jedd li ngħammru f'Ġerusalem il-Ġdida, mal-qtajja' tal-Anġli u l-Qaddisin, fejn il-hena qatt ma jonqos jew jintemm. Hekk għallimna Missierna Pawlu (Rumani, XIV, 17; Lhud, XII, 22-24).

L-Imseħbin f'din is-Saltna jibqgħu jitkattru sat-temma taż-żmien meta Ġesù jarġa' jiġi fuq il-maqgħad tas-sebħ tiegħu u jqajjem lil kull ħadd mill-imwiet biex jagħmel ħaqq u jifred il-ħżiena mit-tajbin.

Hemm is-Saltna ssib il-milja tal-ġieħ u tal-hena. Sa dak iż-żmien Missierna li hu fis-Smewwiet jibqa' jmexxina biex ilaqqagħna flimkien ħalli nsiru l-imseħbin fil-wirt tal-qaddisin fid-dawl; joħroġna mill-qawwa tad-dlamijiet u jdaħħalna fis-Saltna tal-Iben ta' Mħabbtu (Kol. I, 12-13). J'Alla nidħlu ta' bil-ħaqq fis-Saltna tas-Smewwiet minn din l-art, taħt il-ħakma ta' Ruh il-Qodos, li hi x-xewqa tal-wirt tagħna (Ef. I, 14) biex insibu dar ġdida minn Alla, dar m'hix magħmula bl-idejn, għal dejjem fis-sema (II, Kol. V, 10).

P. Gwidu Schembri O.F.M.